# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Decizjoni Numru : 2831

Kaz Nru: 3873|JB

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Jason Aquilina

u

Go plc

Illum : 3 ta' Gunju, 2022

*Dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta.*

**Chairperson : Is- Sur John Bencini, B.A. (Hons)., Lic. Phil, M.O.M.**

Dan il-kaz gie ntavolat permezz ta' rikors fil-5 ta' Awwissu mill-Avv. Anthea Witney Turner f'isem ir-rikorrent Jason Aquilina (K.I. 8568M).

Fir-rikors, ir-rikorrent jesponi li hu kien impjegat mas-Socjeta' intimata fuq bazi 'full-time' ghal zmien indefinit bhala Technician. Permezz ta' ittra datata 25 ta' Frar 2020, gie informat li qieghed jigi terminat l-impjieg tieghu minn mas-Socjeta' appellata u dan wara decizjoni tal-Bord ta' Dixxiplina tas-7 ta' Frar, 2020.

Ir- raguni ghal tali terminazzjoni kienet illi skont is-Socjeta' Intimata kien naqas milli jzomm mal-proceduri tas-Socjeta' GO plc, fosthom allegat assenteiizmu mhux awtorizzat minn fuq il-post tax-xoghol u kwistjonijiet ta' 'health and safety". L-esponent kien sa mil-bidu tal-proceduri migjuba kontra tieghu cahad l-allegazzjonijiet fil-konfront tieghu u baqa' jishaq illi hu ma kienx qieghed jiskarta u li fil-hin li kien gie mwaqqaf mil-ispettur tal-'Health and Safety', hu kien ghadu ser jilbes il-*harness*.

Ghaldaqstant gie intavolat appell minn din id-decizjoni u dan stante illi Artiklu 33.3 tal-Ftehim Kollettiv (Dok. JA2), *Unauthorised absence*, hija elenkata bhala 'misconduct offence' u mhux 'Gross Misconduct offence'. Minkejja tali klassifikazzjoni, il-kastig moghti mill-Bord tad-Dixxiplina kien wiehed ta' tkeccija, liema kastig huwa wiehed assocjat ma' sejbien ta' htija f'kaz ta' offiza gravi. Kif anke indikat minn Artikli 35.5 tal-Ftehim Kollettiv, hemm elenku ta'

x'tip ta' kastigi ghandhom jinghataw, b'dak ta' tkeccija jkun l-ahhar pass mehud mill-kumpanija. Effettivament, l-appellant seta' jigi sospiz ghal terminu li ma jaqbizx l-erba' (4) gimghat jew jigi 'down-graded''.

Tali appell ma giex milqugh u dan kif jidher mill-ittra tal-11 ta' Mejju 2020 (Dok. JA3), liema ittra indikat li l-esponent kien qieghed jigi terminat a bazi ta' kwistjonijiet dixxiplinari b'effett mill-14 ta' Mejju 2020. L-esponent stqarr li huwa ragel ta' 53 sena u kien ilu impjegat mas-Socjeta' Intimata ghal madwar 30 sena u fic-cirkustanzi kurrenti fis-suq tax-xoghol, certament li tali tkeccija qieghda twassal ghal prejudizzju kbir ghall-esponent, illi irid imantni familja, Ghalhekk, it-terminazzjoni tal-impjieg tieghu kienet motivata minn ragunijiet li m'humiex tajba u bizzejjed skont il-ligi ghall-finijiet ta' terminazzjoni tal-impjieg. Ghalhekk, it-tmiem tal-impjieg sehh bi ksur tal-ligi ghall-finijiet ta' terminazzjoni tal-impjieg. Ghalhekk, it-tmiem tal-impjieg tal-esponent sehh bi ksur tal-ligi u hija wahda ingust u invalida fil-Ligi.

Minn naha taghha, is-Socjeta' Intimata permezz ta' l-Avukat Andrew Borg Cardona ddikjarat dan li gej: Kif jigi muri waqt is-smiegh, l-appellant gie mkecci meta ttiehdu in konsiderazzjoni dak li nstab fil-konfront tieghu, flimkien mal-passat li kellu mal-kumpanija, liema passat jinkludi numru ta' episodji ta' dixxiplina, kif ukoll twissija serja li kienet ghadha ' in vigore'.

Fil-konfront tal-appellant, il-kumpanija tat-effett lill-Procedura ta' Dixxiplina fl-intier taghha, kif ukoll ghamlet kull ma setghat biex tghin lill-appellant, izda l-imgieba tieghu marret oltre dak li seta' jigi ttollerat aktar. Il-pass ahhari ta' tkeccija ttiehdet meta l-appellant instab li kien assenti mill-post tax-xoghol tieghu ghal diversi drabi minghajr gustifikazzjoni. Mehud flimkien mal-prestazzjoni tal-appellant waqt l-impjieg, ma setax jinzamm fl-impjieg. Ghaldaqstant, t-tkeccija kienet ghal raguini tajba u sufficjenti skond il-Ligi.

**PROVI**

F'dawn il-proceduri xehdu: ir-rikorrent, is-Sur Jason Aquilina, Is-Sur Michael Mifsud (Cherry Picker), Is- Sur Shawn Farrugia ( Sid tal-hanut- grocer Greens Acres (Gzira), Ir- Sur Aryton Caruana ( ex-Chief Services u HR tal-Go), u Sur Victor Xuereb (ex-Senior Technical Officer).

F'seduta mizmuma nhar l-Gimgha 19 ta' Frar, 2021 xehed ir-rikorrent Jason Aquilina fuq mistoqsijiet mill-Avukat Chris Vella li beda biex jghid li l-ewwel kien technician, umbaghad qaleb bhala jointer, sussegwentament lahaq Senior Technician u aktar tard Technical Officer - karriera ta' 32 sena. Stqarr li dejjem kellu relazzjonijiet tajbin mas-superjuri tieghu. L-Avukat tar-rikorrent staqsa lis-Sur Jason Aquilina x'gara ezatt fis-16 ta' Jannar, 2020 li skont l-Avukat

Christopher Vella kienet “il-famuza gurnata li fuqha hargulek ic-charges”, sussegwentament saret dixxiplina, u imbaghad tkeccejt. Ix-xhud kompla jghid li fis-16 ta’ Jannar 2020, kien jaf minn gurnata qabel li kellhom jahdmu Tas-Sliema. Dakinhar, is-Sur Jason Aquilina mar l’Exchange kmieni. Hu kellu jahdem flimkien ma’ jointer iehor, Victor Xuereb peress li kien hemm hafna xoghol. Ix-xhud qal li kellu jaqta’ cable biex jiehdu mieghu u nizel Tas-Sliema bil-van. Victor Xuereb u c-Cherry picker kienu ghadhom ma waslux peress li huwa wasal fis-7.30 am. Ix- xhud zid jghid li “ l-hundred pair cable ma kellniex. U ahna kellna zewg tulijiet x’inbiddlu.” Ix-xhud avza lis-Sur David Spiteri, l-acting foreman, u qallu li l-bicca xoghol mhux ser tkun lesta jekk ma jkollniex l-hundred pair. Ir-rikorrent qallu li kien lest imur il-Gzira ghal xi xoghol iehor. Is-Sur Spiteri, skont, Jason Aquilina qallu “morru ibdew, umbaghad naraw”. Ir-rikorrent mar flimkien mac-Cherry picker u l-kollega tieghu. Ipparkja il-van f’Triq, il-Gzira, ha ftit ghodda, u rikeb it-trakk mac-Cherry Picker. Morna Triq St. Albert fejn hemm l-iskola ta’ Stella Maris u hdimmna faccata tal-iskola. “ Lill tac-Cherry Picker, ghamiltlu l-karta sas-2.30 pm” peress li dan ikun irid jithallas. Lil tat-trakk, ix-xhud qallu li seta jitlaq u qallu li hu kien ser jinzel bil-mixi lejn fejn kellu il-vann ipparkjat.

“Inzilt ghall-vann. Kien hemm hanut tal-merca, u mort nixtri xi affarijiet “. L-Avukat staqsa lis-Sur Jason Aquilina, “Kien ghad baqaghlek iktar xoghol pendenti milli kienu tawk filghodu?”. Ir-rikorrent wiegeb, “Gurnata xoghol Tas-Sliema kelli, imma dik il-gurnata xoghol sa nofsinhar tista tghid kienet lesta. Jien stajt, kieku ridt bqajt hemmhekk….. jiena mhux minn dawk li noqghod gol-vann nilghab bil-mobile….. jien gieli bdejt fis-6am, …. Irrid naqbad u nlesti”.

Ir-rikorrent kompla jixhed,” Kif kont qieghed il-Gzira hdejn il-Vann tieghi, hin minnhom waqaf il-manager tal-gurnata John Stivala u qalli ‘hemm x’qed taghmel?’. Qalli qed tbiegh il-haxix issa ukoll. Ghidlu,” x’qed tghid, inti bis-serjeta?”. Hemmhekk ipparkjajtu kemm il-darba il-vann. Is-sur Jason Aquilina qal lis-Sur John Stivala li…”vera li l-vann kien qieghed hawn, imma jien kont qieghed Triq St. Albert”. L-Avukat staqsa lir-rikorrent jekk kienx qieghed wara xi counter? Ir-rikorrent wieged li kien barra taht il-bankina jpejjeb sigarett, Kienu kwazi saru it-tlieta, tlieta u kwart. Is- Sur Stivala qalli biex nerga immur fejn kont u kompla jghidli,” ma nafx kif ser nehlisilek din”. Qalli mur fejn kont filghodu. Saru kwazi it-tlieta u kwart meta skont ix-xhud ufficjalment il-hin tax-xoghol taghhom huwa bejn is-7am u it-3.30pm. Ix-xhud zid jghid li jiehu il-break fl-ahhar. L-ewwel ix-xoghol. Ix-xhud issokta jixhed li ircieva telefonata minghand is-Sur David Spiteri, l-*acting foreman* fejn infurmah li kien gie sospendut.

Waqt il-kontro-ezami mill-Avukat Andrew Borg Cardona, ir-rikorrent qal li huwa apprezza l-ghajnuna li nghata mill-Kumpanija meta fl-2018 kien ghaddej minn certi tip ta’ problemi. Is-Sur Jason Aquilina fuq mistoqsija ta’ l-Avukat, qal li wara li twaqqaf mill-Go, applika mal-Job Plus ghal diversi drabi. Spicca jahdem

‘part-time’ ma’ tal-hanut fi Triq Giacint Tua, ir-rikorrent qal, “bdejt immur ghandu biex indahhal xi haga tal-flus wara hames xhur b’nofs paga”. L-Avukat Andrew Borg Cardona staqsa lir-rikorrent kemm kien ilu jmur jahdem hemm. Ir-rikorrent wiegeb ‘le’. Meta mistoqsi kif il-vann li kien juza ghax-xoghol kien ikun pparkjat f’dawk l-akwati. Ix-xhud wiegeb li l-imghallem kien jaf li nipparkja Il-vann hemm ghax kellu hafna xoghol fi Triq Nazju Ellul. Fuq dwar jekk ir-rikorrent kienx applika ghal VRS, ix-xhud wiegeb li qatt ma applika.

Ix-xhud ammetta li kien nghata twissijiet dwar sewqan taht l-influenza tal-alcohol u li kien nghata twissijiet in konnessjoni mar-regoli tas-sahha u s-sigurta’ fuq il-post tax-xoghol meta ma kienux ghaddew sentejn. Ix-xhud cahad li kellu xi twissijiet dwar skartar, izda ammetta li kellu twissijiet dwar, safety, ingwanti u gakketta… L-Avukat Andrew Borg Cardona fakkru li fl-4 ta Novembru, ir-rikorrent kellu “ Written warning for unauthorised absence during working hours’. L-Avukat Christopher Vella hawnhekk fakkar lill-Avukat kollega li dak iz-zmien is-Sur Aquilina kien ghaddej minn zmien difficli hafna.

L-Avukat Christopher Vella staqsa jekk ir-rikorrent kienx wahdu fl-incident in kwistjoni. Ix-xhud wiegeb li kien ma’ Victor Xuereb u il-kuntrattur tac-Cherry Picker. Ix-xhud kompla billi qal, “ Victor Xuereb, meta tlaqna minn tas-Sliema, hu mar il-Hamrun, kellna kaz, ghidtlu mur ittawwal, u ghidtlu imbaghad niltaqghu wara. Ghidtlu jien se immur il-Gzira, Triq San Albert, minn jeddi. Ghax dana kienu jafu preparati li sa nofsinhar inkunu lesti. Stajt naghmel bhal haddiehor, noqghod hemm fil-vann inpejjeb……… mort minn jeddi Triq San Albert biex naghmel bicca xoghol ohra li kienet ilha pendenti fuq sena u nofs….”

Xehed ukoll is-Sur Michael Mifsud (Cherry Picker) dwar dak li gara fis-16 ta’ Jannar, 2020. “Hdimna nofs-ta-nhar ta’ filghodu”, fl-istess post. Wara li spicca Jason Aquilina, qal lix-xhud li ried imur l-Gzira ghax kellu ix-xoghol hemm stess. Fil-Gzira, ir-rikorrent gab l-ghodda minn gol-vann u beda ix-xoghol tieghu hemm sakemm spicca fis-2pm. “ Qalli li ma kellux bzonni izjed”. Umbaghad qallu li l-ghada ma kellux bzonnu izjed. Iffirmalu fuq karta li kien tah l-imghallem tieghu u dan biex isir il-hlas.

Xhud iehor kien is-Sur Ayrton Caruana (ex Chief services operations). L-Avukat Christopher Vella staqsa lis-Sur Caruana jghid x’warnings ircieva s-Sur Jason Aquilina ghar rigward ta’ skartar tul it-32 sena fl-impjieg tieghu. Ix-xhud wiegeb li is-Sur Aquilina kellu numru ta ‘warnings. Fl-2014 minhabba unauthorized absences, fl-2015 li ma mexiex skont il-Health and Safety regulations, fl-2018 kien gie sospiz fuq ‘half-pay’ minhabba skartar u li instab taht l-influenza tal-alcohol u dan wara li sarulu ‘breathlyser tests’. Kien hawn li l-kumpanija talbet lis-Sur Jason Aquilina, meta kien b’nofs paga biex jaghmel il-programm biex johrog minn dak il-vizzju. Jason Aquilina kien ta’ riskju kemm ghalih u kemm ghal haddiehor. Wara sentejn (2018-2020), Jason Aquilina

hareg mill-problema. Dwar il-VRS, ix-xhud qal, li meta is-Sur Jason Aquilina spicca mill-kumpanija, ma kienx hemm skema miftuha. Ix-xhud ukoll irrimarka li il-vann kien ikun ipparkjat fl-istess post waqt il-hin tax-xoghol. F’temp ta’ xahrejn kien hemm ghaxar (10) istanzi li dan il-vann kien ikun pparkjat fl-istess post waqt il-hin tax-xoghol.

Ix-xhud Victor Xuereb (ex-Senior Technical Officer} stqarr li 2021, kien nghata somma skont l-iskema ta’ l-irtirar - sittin (60) elf Euro u sena paga skond il-grad. Dan l-istess xhud irrimarka li Jason ghalih, imnalla kien hu, ghax kien jaf hafna nies li kienu icemplu…. Kien jiehu l-inizjattivi hu. “Ghalija, hu ghallimna”.

Xhud iehor kien is-Sur Shawn Farrugia. (Sid tal-Hanut Green Acres) il-Gzira. Huwa qal li is-Sur Jason Aquilina kien jigi jghid kelma il-hanut wara li jlesti mix-xoghol. L-Avukat Christopher Vella talbu jghid jekk jiftakarx x’gara fis-16 ta’ Jannar, 2020 dwar Jason Aquilina. Is-Sur Shawn Farrugia wiegeb li is-Sur Jason Aquilina staqsieh jistax jipparkja il-vann fejn il-garaxx. Ix-xhud wiegeb li ma kellux problema. Huwa kompla jghid li is-Sur Jason Aquilina ma marx mac-Cherry Picker. Xi siegha wara fit-3pm gie fejn il-hanut. Kien dak il-hin li giet persuna li kien bla uniformi u staqsa lil Jason x’kien qed jaghmel hemm. Ir-Sur Aquilina qallu li kien lest mix-xoghol. Izda din il-persuna talbet lis-Sur Aquilina imur jaghmel xi xoghol iehor. Fuq mistoqsija ta’ l-Avukat Christopher Vella, sid il-hanut cahad li Jason Aquilina kien jahdem mieghu f’dak il-perijodu. Is-Sur Shawn Farrugia stqarr li meta sar jaf li is-Sur Aquilina ma kienx baqa impjegat mal-Go, offrielu biex jidhol jahdem mieghu, kif, fil-fatt gara wara li kienu ghaddew xi sitt xhur.

**<u>TRATTAZZJONI FIL-QOSOR</u>.**

Fis- 6 ta Mejju, 2022, l-Avv. Andrew Borg Cardona ghas-Socjeta’ Intimata, kif ukoll l-Avv. Chris Vella ghar-rikorrent ghamlu t-trattazzjoni finali taghhom. L-Avukat Andrew Borg Cardona beda biex jghid li, ”mid-dokumenti li gew pprezentati, jidher illi l-Kumpanija imxiet bhala employer tajba….. meta r-rikorrent kellu problemi personali.. kienet ghenitu”. Kienet hallsitu nofs paga. U dan huwa kkonfermat mir-rikorrent stess. Pero’, jirrizulta ukoll li is-sur Jason Aquilina kellu numru ta clashes dixxiplinarji mal-kumpanija. Kellu ‘severe warnings’ talli gie ix-xoghol taht influenza tax-xorb f’Mejju tat-2018, liema ‘warning’, skond il-ftehim kollettiv, jibqa in-vigore ghal 24 xahar.. Ir-rikorrent, pero’, kellu numru ta’ breaches tas-sahha u s-sigurta’, kif ukoll diversi istanzi t’assenza mhux awtorizzata waqt dan il-perijodu ta’ sentejn illi kien ghadu in vigore is-severe warning. Kien hemm warnings ohra. Il-kumpanija mxiet skont id-drittijiet ta. Artilu 5, section 5, 35.5. L-Avukat kompla jghid li ‘ il-kumpanija mhux biss allura hadet in-konsiderazzjoni l-uniku charge li kien hemm, tmur lura u tara jekk kien hemmx, kontinwita’, aggravazzjonijiet ohra qabel, u kien hemm, jirrizulta li kien hemm. Jirrizulta quddiem it-Tribunal illi s-Sur Jason

Aquilina, certament ammetta li kien beda x-xoghol part-time fl-istess hanut, fl-istess akkwati ta' fejn kellu numru ta' drabi li kien qieghed hemm minghajr awtorizzazzjoni. Meta mistoqsi mit-Tribunal jekk kellux problemi ta' dixxipplina, is-sur Jason Aquilina wiegeb fin-negattiv. Pero' jirrizulta li fil-fatt kien hemm diversi warnings ohra. L-Avukat kompla jghid li r-rikorrent pprova jnessihom. Dwar il-VRS, stqarr l-Avukat Andrew Borg Cardona, din m'hiex xi dritt awtomatiku, barra minn hekk ir-rikorrent qatt ma talab ghal din l-iskema. Bhala konkluzzjoni, l-Avukat tal-Kumpanija, qal li kien hemm ragunijiet serji attribwibli lill-impjegat li juru illi l-impjieg ma jistax jitkompla, allura t-Tribunal ghandu isib li kien hemm raguni tajba u sostenibbli u dicenti ghat-tkeccija.

L-Avv. Chris Vella li kien qed jidher ghar-rikorrent waqt it-trattazzjoni qal li ma rridux ninsew li s-Sur Jason Aquilina, fir-relazzjoni tieghu vis-a-vis il-kumpanija Go plc., kien ilu 32 sena u f'dan il-perijodu kollu gie pprezentat bi tlett warnings. Wiehed ghalhekk jara x'history ghandu l-impjegat u l-background tieghu. Is-sur Jason Aquilina beda mal-Kumpanija Go plc., bhala student apprendist. Gie promoted, mexa 'il quddiem sakemm gie tterminat. Kien f'pozizzjoni li kellu hafna nies tahtu li jirrispondu lilu. Kien impjegat fuq bazi indefinit wara hames snin li kien ilu apprendist. Kien jinghata *appraisals* pozittivi, u qalilna hu stess li kien jidhol ghal gurnata xoghol, minn hin qabel, biex jkun jista jaghmel il-preparamenti tieghu. Is-Sur Jason Aquilina stqarr li kien hemm zmien meta kellu problemi ta' alkohol, izda ghamel il-programm, kif issuggeriet il-kumpanija, u hareg minn dak il-vizzju. U dan, il-kumpanija, kif irringrazzjatu? Billi fuq imaginazzjoni fertili ta' individwu, fuq telefonata anonima, keccietu mill-kumpanija dwar dak li gara fis-16 ta' Jannar 2020, fejn is-Sur Jason Aquilina kien spjega, mar ghal gurnata tieghu normali ta' xoghol f'tas-Sliema u ghamel tlett sieghat hemm. Ghamel ix-xoghol li kellu jaghmel izda ma setax jispiccah ghaliex il-kumpanija ma kellhiex il-materjal biex seta jitkompla ix-xoghol. Hawnhekk, ir-rikorrent flok qaghad xi tlett sieghat fil-vann ghax ma setax jahdem, iddecieda li l-kollega tieghu Victor Xuereb ghandu imur ilesti xi xoghol il-Hamrun u hu mar jaghmel bicca xoghol ohra il-Gzira. Hemmhekk is-Sur Jason Aquilinq ipparkja il-vann il-Gzira u flimkien mac-Cherry Picker marru u komplew xi xoghol iehor il-Gzira stess. Damu sas-2.30pm hemm, wara li ghamlu il-bicca xoghol. Is-sur Jason Aquilina kien spiss ihalli il-vann go Jacinta Tua Street peress li ma kienx jinstab parking spaces f'tas-Sliema, il-Gzira u l-Imsida. Dan kien kkonfermat mis-sur Michael Curmi tac-Cherry Picker.

Gara li meta r-rikkorrent nizel bil-pass fejn kien kemm il-vann ipparkjat, hdejn hanut, ghall-habta tat-tlieta u nofs, tfacca certu John Stivala u kien hawn li dan John Stivala staqsa lir-rikorrent x'kien qed jaghmel hemm u staqsieh ukoll kienx qed jbiegh mill-hanut tal-haxix. Is-sur Jason Aquilina cahad li kien qieghed jbiegh. L-Avv. Chris Vella, fit-trattazzjoni tieghu kompla jghid li kien hawnhekk li John Stivala ordna lir-rikorrent jirritorna tas-Sliema u qallu " ma nafx kif ser

nohorgok minnha jien din". Ir-rikorrent irritorna tas-Sliema u wasal fit-3.20pm u wara hames minuti hemm, rega mar lura id-dar. Dak inhar stess il-kumpanija hargitlu ic-charge. Qalulu li John Stivala rah barra il-hanut u mhux wara xi counter.

Hamest ijiem wara, harget charge ohra mill-Go plc, 'li kienet tirreferi ghal episodju li sehh qabel dan tas-16 ta Jannar, 2020…. Morna ghad-9 ta Jannar". Dan kien charge ta' 'health and safety'. Dan kien charge li jirreferi ghall-episodju ta qabel. L-Avukat tar-rikorrenti kompla jghid li," hawnhekk il-kumpanija Go plc, fuq hear say ghax irceviet telefonata anonima li Jason Aquilina qed ibiegh il- haxix, keccejna individwu, fuq din il-*hear say*, ghax John Stivala ma ninsewx, ma rahx wara l-counter. L-Avukat ghamel paragun ma *trial* li ghaddej l-Amerika Depp vs Heard. Ghalhekk, kompla l-Avukat tar-rikorrent li ma jafx fejn kien dan l-assentejizmu. Minkejja dan "hargulu charge fis-16 ta Jannar, 2020 u qalulu, caw u bye wara 30 sena servizz". L-Avukat kompla jghid li ' m'hux minnu li Jason Aquilina wara c-charge ta' Mejju 2018, rega instab. Taht l-effett tal-alkohol". Kien ghamel il-programm kollu u rregola ruhu. L-Avukal fakkar li " tellajna x-xhud lix-xufier tac-cherry picker, ikkonferma, dahal fid-dettal x'sar u ma sarx dakinar, x'kienu jaghmlu fil-passat. Prezenta l-ircevuta li tindika li x-xoghol kien sar sas-saghtejn, u hu kien spicca fit-3.30pm". Tela jixhed tal-hanut ukoll li jikkonferma illi wara sitt xhur impjega lil Jason Aquilina bhala part-time l-ewwel darba, u m'huwix minnu, li, kif qed tipprova talludi l-kumpanija GO plc. Jason Aquilina mar jirregista mal-Jobs Plus wara li tkecca minn mal-kumpanija GO plc. Shaun Farrugia ikkonfermalna li dak in-nhar kien hemm persuna ohra li kien qed jahdem fil-hanut li huwa zghir.

L-Avukat stqarr li it-tkeccija ghandha tkun l-ahhar pass u m'ghandhiex tkun fuq *hear say* jew storja ivvintata ta' *health and safety* inkeccu individwu li ta servizz ta' 32 sena lill-kumpanija.. L-Avukat irrefera ghall-ftehim kollettiv 35 .5 li tiddettalja, u anke ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Publis Devision versus De la Rue fis-27 ta April, 2016. L-Avukat Christopher Vella ikkonkluda li "ma narawx l-ebda farka prova li ghandek tkecci individwu fuqha". L-Aukat irrefera ghall-iskema ta' l-irtirar u qal li Jason Aquilina kellu l-aspettazzjoni legittima li jiehu sehem f'din l-iskema u kawza tat-tkeccija tilef kollox. U dan fuq istanza, fuq episodju, fuq telefonata anonima.

L-Avukat Andrew Borg Cardona irribatta fil-qosor u qal li konvint illi t-Tribunal ser jixtarr l-provi kollha, fosthom il-process dixxiplinarju li sar fejn impjegat kellu kull opportunita' jaghti l-versjoni tieghu. Dwar *hear say*, il-kumpanija ma qaghditx fuq *hear say*, dan mhux kaz fejn xi hadd qala' minn zniedu telefonata anonima u qal mela, Jason Aquilina ghal barra u dabbarlu rasu. Din it-tip ta' esagerazzjoni mhux lok quddiem dan it-Tribunal, u meta ghandna process mizghud bid-dokumentazzjoni pass wara pass. Kollox skont il-ftehim kollettiv, kollox bi dritt ta' rapprezentanza tal-Union, tal-avukat. Kollha dehru quddiem il-

bord ta' dixxiplina, kullhadd kellu ic-cans jghid tieghu. L-Avukat Borg Cardona irrefera ghal dak li qal l-Avukat Christopher Vella meta qal li l-Kumpanija ma kinitx grata ghal tletin sena u fuqhom, li ta s-servizz is-Sur Jason Aquilina. L-Avukat Andrew Borg Cardona hawnhekk wiegeb li is-Sur Jason Aquilina allura dawk it-tletin sena ma tantx ha hsiebhom, mill-mod kif gab ruhu u hawnhekk fejn it-Tribunal irid jiggudika jekk kienx hemm kawza sufficienti. Dwar l-iskema ta l-irtirar, l-Avukat Borg Cardona spicca biex qal li 'ma kellux dritt ghaliha awtomatika".

L-Avv. Chris Vella ikkonkluda billi qal," Jiena sottomissjoni fuq Triq Jacin Tua ghadni kif iccekkjajtha. Din tinfed u taghti ghal…., ghadni kif iccekkjajt, imma whatever".

## KUNSIDERAZZJONIJIET

It-Tribunal ghandu jikkonsidra jekk is-Socjeta' Intimata kinietx gusta u skont il-ligi meta tterminat l-impjieg tar-rikorrent. It-Tribunal innota u qed jaghti importanza kbira ta' kif svolgew l-affarijiet specjalment tas-16 ta' Jannar, 2020 meta r-rikorrent gie akkuzat li kien qed jiskarta mix-xoghol.

Dan it-Tribunal qies sew l-evidenza li ingabet quddiemu, sewwa dik konsistenti f'xhieda kif ukoll dik dokumentarja. Ghal dak li jirrigwardja l-akkuza li r-rikorrent kien abitwalment assenti mix-xoghol minghajr awtorizazzjoni, ma ngibitx prova adattata u ghaldaqstant kapaci li ssostni din l-allegazzjoni. Fil-fatt, wiehed kien jistenna li l-kumpanija intimata kienet tipproduci xi forma ta' *record of work* ta' attendenza tar-rikorrent u li rapprezentant tal-kumpanija kien jikkonferma l-istess permezz tal-gurament tieghu. Dan ma sarx, u ghaldaqstant, u galadarba kumpanija ma gabitx il-prova rikjesta f'tali cirkostanzi, l-allegazzjoni ma tistax tigi meqjusa bhala sodisfacjentement ippruvata. Dan aktar w aktar fil-kwadru tal-fatti illi l-kumpanija intimata hija wahda mill-kumpaniji ewlenin f'pajjizna u li zgur, mhux forsi, ghandha sistema ta' *record keeping* tal-attendenza tal-impjegati taghha! In-nuqqas tal-kumpanija intimata li taghmel tali prova ma jista' jsarraf f'xejn ghajr li l-allegazzjoni ta' assentejizmu mhux awtorizzat baqghet mhux ippruvata.

L-istess mankanza ta' provi tolqot l-allegazzjoni li r-rikorrent kien qieghed jahdem f'hanut waqt il-hin tax-xoghol fis-16 ta' Jannar, 2020. L-uniku prova li ngiebet f'dan ir-rigward kienet ix-xhieda ta' impjegat tal-kumpanija intimata li, f'okkazjoni partikulari intbaghat jaghmel spezzjoni *on the spot* wara telefonata anonima u sab lir-rikorrent barra l-hanut in kwistjoni. Bir-rispett kollu, din mhix prova li r-rikorrent kien qed jahdem f'dan il-post. Din l-evidenza hija mxejjna mill-fatt li r-*record* ta' impjieg tal-Jobs Plus tar-rikorrent imkien ma jindika li f'dak il-perijodu r-rikorrent kien qieghed jahdem ma' dan il-hanut. Dan huwa wkoll ikkonfermat bix-xhieda tas-sid tal-hanut fejn qal li fil-perijodu in kwistjoni, ir-

rikorrent ma kienx impjegat tieghu. Fid-dawl ta' din l-evidenza, huwa car f'mohh dan it-Tribunal, illi l-akkuza li r-rikorrent kien qed jahdem f'dan il-hanut waqt il-hin tax-xoghol, mhux biss mhix ippruvata imma giet imxejjna ghal kollox.

It-Tribunal ma jistax ma jinnutax li meta r-rikorrent kien ghaddej minn zmien difficli hafna, il-Kumpanija offriet kull ghajnuna possibbli u r-rikorrent irreciproka billi ikkopera u hareg minn dawn il-problemi wara li temm programm b'success.

**DECIDE**

Ghaldaqstant dan it-Tribunal, wara li ezamina s-sottomissjonijiet, ix-xhieda u d-dokumenti, qed jiddeciedi li t-tkeccija ta-rikorrent kienet decizjoni ingusta u ghalhekk hemm lok li jinghata kumpens.

Il-kumpens qed jigi stabbilit fl-ammont ta' Tnejn u Tletin elf u hames mitt Euro (€32,500), liema kumpens ghandu jithallas mis-Socjeta' Intimata fi zmien xahar mid-data ta' din id-decizjoni.

A tenur tal-Avviz Legali Nru 48 tal-1986, it-Tribunal jillikwida d-drittijiet dovuti lill kull min assista lill-partijiet fl-ammont ta' tlieta u disghin Euro u Sbatax il-Centezmu ( €93.17) kull wiehed.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

Iffirmat : Is-Sur John Bencini

Chairperson

Vera kopja

Mary Rose Galea
A/Segretarja